# EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** | **MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 8 | 15 | 5 | 10 | 8 | 12 | 5 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## A. Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet

Il-btajjel tas-Sajf kienu qegħdin jistennewh, tliet xhur sħaħ ta' logħob bla waqfien u ġiri fix-Xagħra Tal-Furjana, il-misraħ fejn it-tfal setgħu jiltaqgħu u jimirħu u jiwintaw id-divertiment mingħajr ħadd ma jgħidilhom li sar il-ħin u wasal l-eżami u miegħu xkora dwejjaq. Illum, ħaseb, kellu jkun in-nofs ta' nhar meta hu u sħabu setgħu joħorġu minn posthom fil-klassi bla permess jew skuża, u setgħu jiġġerrew ferħanin, bla ma jafu għaliex, fil-kurituri, qishom irġiel ta' darba, jinbxu lil xulxin u jifirħu bil-jiem twal u vojta li kienu jistennewhom. Fil-bagalja kellu merfugħ is-sigriet magħruf tal-festa kollha: ħafna faqqaturi lesti biex jitfaqqgħu malli s-surmast , dak ir-raġel imqit li kellu d-dinja kollha f'idejh, għall-ħabta ta' nofs in-nhar, jaqbad il-qanpiena u jdoqqha bis-saħħa kollha biex tinstema` minn kullimkien, u t-tfal joħorġu sparati mill-klassi, jiġru, jirraġġaw, jidħlu f'xulxin, u jinżlu t-taraġ tnejn tnejn bla ma jaqgħu, u jinfirxu f'kotra waħda quddiem il-bieb ewlieni, jiftħu l-bagalji u jibdew ifaqqgħu l-faqqaturi. Kienet il-ħolma tas-sena. *(par. 1)*

Bħal sħabu kollha Toninu kien ilu jerfa` l-pitazzi ħżiena, mimlijin, kemm tar-rigi dojoq u kemm tar-rigi wesgħin, u joftoq il-paġni mit-tarf, irosshom fi mniezel żgħar, imbagħad jaqbadhom waħda waħda bis-sabar kollu u jibda jagħmel il-faqqaturi. Ma kienx student sħiħ min ma kellux ħila jagħmel ħafna minnhom u jlestihom fil-waqt, għall-ġurnata tal-fidwa. Mhux it-tfal kollha kellhom l-istess sengħa għalihom, iżda lkoll kienu jfendu kif jistgħu. Ma kellux jedd jifraħ min ma kellux il-bagalja mimlija bihom. Kienet biċċa xogħol, ħafifa daqskemm m'hijiex: l-ewwel tistira l-paġna, imbagħad titwiha fi tlieta, tagħlaqha mill-ġnub u tagħmel toqba fin-nofs tal-wiċċ. Daqsxejn riq minn xofftejk, tħokku man-nofs tal-wiċċ tal-faqqatura u hemm hi, titfaċċa t-toqba li minnha jrid jgħaddi l-ħoss kollu! *(par. 2)*

Din kienet il-festa kollha u kienet festa kbira: kulħadd iqiegħed il-bagalja biswitu fit-triq, joħroġ minnha l-faqqaturi waħda waħda jew ftit ftit, jonfoħ f'kull waħda u joħloq il-ħoss tat-tifqigħa billi jinżel għarkobbtejh u jagħti daqqa qawwija bil-ponn fuqha, jew jagħtiha daqqa ta' sieq. *(par. 3)*

(*Ġiżimin Li Qatt Ma Jiftaħ* ta' Oliver Friggieri )

### (i) Kontenut

1. Fi kliemek għid għaliex kellu jkun nofs ta' nhar speċjali għal Toninu u sħabu l-istudenti l-oħra.

   *(par. 1)* ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________ (3)

2. X'idea ħadt tas-surmast kif ipinġih l-awtur? *(par. 1)*

   Kien: raġel supperv ☐

   raġel dħuli ☐

   raġel egoist ☐ (1)

3. Fisser fi kliemek is-sentenza mit-2ni paragrafu: *Ma kienx student sħiħ min ma kellux ħila jagħmel ħafna minnhom u jlestihom fil-waqt għall-ġurnata tal-fidwa.*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4. It-3et paragrafu jagħtik impressjoni ta':

Paċi ☐

Silenzju ☐

Storbju ☐ (1)

**(ii) Analiżi Testwali**

1. *Il-btajjel tas-Sajf kienu qegħdin jistennewh. (par. 1)* Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż **h** fil-verb jistennew**h**? ____________________ (1)

2. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru:

ħafna dwejjaq *(par. 1)* ____________________

joħorġu jiġru u ferħanin *(par. 1)* ____________________

kienu jippruvaw u jagħmlu li jistgħu *(par. 2)* ____________________ (3)

3. 

Il-kompjuter jinsab iddispjaċut li ħawwad il-punti tat-2ni u t-3et paragrafi. Irranġahom kif suppost. Fil-kaxxi ikteb l-ittri kif suppost. L-ewwel waħda hija lesta.

a. Kien fiha biċċa xogħol ħafifa, u le, biex tagħmel il-faqqaturi. ☐

b. Kull student kien armat bil-bagalja biex minnha joħroġ il-faqqaturi biex ifaqqagħhom. ☐

ċ. Toninu kien ikun ilu jġemma' l-pitazzi l-ħżiena biex wara, bil-paċenzja, joqgħod jagħmel il-faqqaturi. a

d. Ma kontx tkun student bħal sħabek kieku ma kellekx il-ħila tagħmel il-faqqaturi. ☐

e. L-istudent ma jkollux dritt jifraħ li kieku ma jkollux bagalja mimlija bihom. ☐ (4)

**(iii) Grammatika**

## 1. Il-Forom Ta' l-Aġġettivi

Imla l-vojt tas-sentenzi bl-għajnuna tal-kliem fil-parentesi:

- Tgħidx kemm hija ____________________ (daħal) l-ġara l-ġdida.
- Il- ____________________ (belt) għandhom ikunu mkabbrin bil-monumenti storiċi.
- Kulħadd jiggosta ċ- ____________________ (ċokon) Sarah.
- Ikun hawn ħafna ____________________ (barra) fostna matul is-Sajf.
- Il-vaganzi huma ____________________ (importanza) biex nistrieħu. (5)

## 2. Il-Forom Tal-Verbi

Agħti sens lis-sentenza billi timla l-vojt mill-għerq tal-verb fil-parentesi:

- L-għalliem ____________________ (k-s-r) lil Brian f'taħriġ differenti għall-eżami, iżda Brian xorta ma ____________________ (n-k-t) meta weħel.
- Ix-xwejħa kienet tħobb ____________________ (w-r-ż-q), iżda meta waqgħet kellha ____________________ (k-x-k-r) minn tulha tul il-kuritur sakemm instemgħet mill-infermiera.
- Il-folla ____________________ (b-r-k) mill-Papa, waqt li hu ____________________ (q-għ-d) idejh fuq ras it-tfal ċkejkna. (6)

## 3. Il-Prepożizzjonijiet Magħqudin

Imla l-vojt b'waħda mill-prepożizzjonijiet
(lill- , lil- , għall- , għal-)

- ____________________ laqgħa tal-bieraħ attendew bi ħġarhom.
- Therese xtaqet tagħti flokk sabiħ ____________________ ġuvnott tagħha.
- Il-passaġġ____________________ Awstralja huwa għoli.
- Wiegħdu ħafna flus ____________________ Libjani. (4)

| **B.** | **Qwiel u Idjomi** |
|---|---|

Imla l-vojt skond kif mitlub

| | |
|---|---|
| 1. Xemx u xita Alla jaf meta. ______________________________ ______________________________ | 1. Agħti t-tifsira tal-qawl. |
| 2. ______________________ għall-iżvinturat. | 2. Kompli l-qawl. |
| 3. Għal kull għadma hawn ____________ ____________. | 3. Kompli l-qawl. |
| 4. M'għandux ħajta fi lsienu. ______________________________ | 4. Agħti t-tifsira ta' l-idjoma. |
| 5. ______________________________ | 5. Ikteb idjoma bil-kelma *qalb*. |

(5)

| **Ċ.** | **Malti Komunikattiv** |
|---|---|

Is-Sinjura Falzon, kap ta' l-iskola sekondarja Ward U Żahar, sejħet lill-iskrivana u qaltilha:"Sharon, jekk jogħġbok, iktibli avviż ta' madwar 80 kelma biex inwaħħluh għall-istudenti u l-ġenituri tagħhom. Tinsiex issemmi l-ġurnata, il-post fejn se niltaqgħu, il-ħin tat-tluq u tar-ritorn, il-post fejn sejrin u, bil-ħaqq, tinsiex tiktbilhom li l-ikel iridu jaħsbu għalih huma. Il-prezz tal-ġita huwa Lm7. Tinsiex tniżżlu wkoll."

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (10)

**D. Tiftix - Trawwim Kulturali - L-Idea Ta' Lingwa**

F'madwar 8 linji, ikteb dwar suġġett li inti fittixt dwaru din is-sena għall-proġett.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (8)

**E. Poeżiji - Nadriet 3**

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha

1. Pitirross ta' Victor Fenech

a. Din il-poeżija hija:

Sunett ☐ Poeproża ☐

b. Għalfejn jiġi l-pitirross kull Ġimgħa l-Kbira?

________________________________________

ċ. Kull darba li jiġi, x'jisma' l-pitirross?

________________________________________

d. Għaliex leħen il-pitirross iwassal kantaliena ta' diq-dulur?

________________________________________ (4)

2. Arizona ta' Achille Mizzi

a. Din il-poeżija hija miktuba fi stil:

Modern ☐ Tradizzjonali ☐

b. Ma' min ixebbah lilu nnifsu l-poeta?

________________________________________

ċ. L-idea li jagħti l-poeta fl-ewwel strofa hija ta':

Nixfa u sħana kbira ☐

Frisk u serħan il-moħħ ☐

d. Għaliex fl-aħħar strofa l-ambjent jinbidel u l-poeta jħossu jistrieħ?

________________________________________ (4)

3. **Aktar Nadriet Poetiċi**

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista ta' hawn taħt. Ikteb isem il-poeta u f'madwar 4 linji għid għaliex għoġbitek din il-poeżija.

| |
|---|
| Fis-Skiet, Matul is-Snin tal-Ħajja, Jekk Baħar Int Għalija, Raqdet il-Belt, Fuq il-Palm tal-Ħbiberija, Iż-Żgħożija, Fjura tas-Sur, Ħabbata. |

Isem il-poeżija ____________________________________

Isem il-poeta ____________________________________ (1)

Il-poeżija għoġbitni għax ____________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (3)

**F. Dramm - Il-Fortuna Tal-Bakkaljaw ta' Ġużè Aquilina**

F'madwar 5 linji, ikteb il-ġrajja ta' dan id-dramm.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (5)

**Ġ. Stejjer Għal Qabel Jidlam ta' Oliver Friggieri**

1. Immarka (✓) f'liema storja jissemmew dawn il-karattri:

| Karattri | Il-Ħolma Ta' Bin-Nhar | Dan il-Lejl Taċ-Ċomb | It-Tifel Tal-Baħar |
|---|---|---|---|
| Bertu | | | |
| Olaf | | | |
| Anton | | | |

(3)

2. Issa agħżel il-karattru li għoġbok l-iżjed minn dawn it-tlieta u rrakkonta l-ġrajja tiegħu f'madwar 8 linji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (7)

## G. Komponiment

Ikteb madwar 300 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (ikteb fuq karta separata.)

1. B-B-Q li qatt ma ninsa!
2. Dan is-Sajf se jkolli vaganzi b'differenza!
3. Immaġina li meta terġa' tibda l-iskola f'Settembru inti se tkun il-Kap ta' l-iskola.

   X'beħsiebek tagħmel biex l-iskola tibqa' sejra 'l quddiem?
4. Xewqa li qatt ma qtajt.
5. Kif inħobb niddeverti. (20)